MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 98/2012

**Joseph Sciortino**

**Vs**

**Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura u s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Joseph Sciortino fit-8 ta' Mejju 2012 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (i) ihassar, jirrevoka u jannulla d-decizjoni mehuda fil-konfront tieghu mid-Direttur Generali fi hdan il-Ministeru ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura; **u** (ii) jordna lill-istess Direttur Generali u lis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura sabiex jergghu jaghtuh il-licenzja sabiex jopera fil-Farmers' Market;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali u s-Segretarju Permanenti permezz ta' liema fl-ewwel lok jirrilevaw li l-

okkju tal-kawza kifipprezentata mir-Rikorrent huwa vag peress li ma hemmx specifikat ta' liema Ministeru huma Diretturi Generali u Segretarju Permanenti u ghalhekk tinhtieg korrezzjoni biex ma jkunx hemm diffikultajiet u ekwivoci u fi kwalunkwe kaz fejn fir-Rikors ir-Rikorrent isemmi l-Ministeru, in-nomenklatura hija zbaljata peress illi l-Ministeru huwa l-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali u huwa id-Dipartiment li hu maghruf bhala d-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura, u fil-mertu jopponu ghat-talba tar-Rikorrent stante li l-allegazzjonijiet kollha vantati minnu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u d-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tieghu ittiehdet ghaliex huwa baqa' jinsisti li ma josservax ir-regolamenti li jirregolaw is-Swieq tal-Bdiewa u ghalhekk id-decizjoni ttiehdet skond id-dettami tal-Ligi u fl-interess tal-konsumatur u tal-bidwi, u ghaldaqstant jitolbu li t-talbiet tar-Rikorrent jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, u d-decizjoni kontestata tigi kkonfermata *in toto*;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta markati Dok. “A” sa’ Dok. “D” a fol. 14 sa’ 19 tal-process;

Ra r-Risposta Addizzjonali tas-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali permezz ta' liema jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li d-decizjoni kontestata mir-Rikorrent ma ttehdietx minnu izda minn Dr. Mario Spiteri bhala d-Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura wara li dan iddiskutiha ma' l-ufficjali u s-superjuri tieghu w a tenur ta' l-Artikolu 181B(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex il-legittimu kontradittur tar-Rikorrent;

Ra li b'Digriet moghti fil-5 ta' Lulju 2012, in vista ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Intimati t-Tribunal ordna li l-kliem "Direttur Generali u Segretarju Permanenti" jigu ikkancellati u minflok jitnizzlu l-kliem "Direttur Generali tad-Direttorat tas-Swieq bl-Ingrossa u Facilitajiet tal-Flotta tas-Sajd, Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura u s-Sgretarju Permanenti tal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali";

Ra li b'Risposta Addizzjonali pprezentata fl-14 ta' Settembru 2012 l-Intimati rrilevaw illi il-kariga ta' Direttur Generali tad-Direttorat tas-Swieq bl-Ingrossa u Facilitajiet tal-Flotta tas-Sajd illum il-gurnata ma ghadhiex tezisti u llum hemm minflok id-Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura u ghaldaqstant tinhtieg korrezzjoni fis-sens li jigu kkancellati l-kliem "Direttur Generali tad-Direttorat tas-Swieq bl-Ingrossa u Facilitajiet tal-Flotta tas-Sajd" mill-okkju tal-kawza stante li ma giex imharrek sew f'dawn il-proceduri;

Ra l-affidavit tar-Rikorrent markat Dok. "A" a fol. 33 sa' 38 tal-process u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "SC1" u Dok. "SC2" a fol. 39 sa' 41 tal-process, Dok. "JXT" a fol. 42 tal-process, Dok. "SC3" a fol. 43 tal-process u Dok. "JS4" sa' Dok. "JS7" a fol. 44 sa' 48 tal-process, sema' x-xhieda ta' Dr. Philip Sciortino[1], David Galea in rapprezentanza ta' l-APS Bank[2], Aldo Cassar[3] u Andrè Sciberras[4] ilkoll moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Settembru 2012 u ra d-dokumenti esebiti minn Aldo Cassar markati Dok. "AC1" sa' Dok. "AC3" a fol. 61 sa' 72 tal-process, ra l-affidavit ta' Anthony Attard markat Dok. "X" a fol. 74 tal-process, l-affidavit ta' Benny Camilleri markat Dok. "BC" a fol. 76 tal-process u l-affidavit ta' Carmen Sciortino markat Dok. "A" a fol. 79 sa' 80 tal-process u d-dokumenti annessi ma' l-affidavit markati Dok. "B" sa' Dok. "Q" a fol. 81 sa' 95 tal-process, ra d-dokument esebit mir-Rikorrent permezz ta' Nota pprezentata fit-8 ta' Ottubru 2012 markat Dok. "PS" a fol. 108 sa' 111 tal-process, sema' x-xhieda ta' Dr. Mario Spiteri[5], Joseph Pisani[6], Raphael Scerri[7] u Alan Amato[8] ilkoll moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012 u ra d-dokument Dok. "MS" ipprezentat minn Dr. Mario Spiteri a fol. 114 sa' 118 tal-process, id-dokument Dok. "JP1" ipprezentat minn Joseph Pisani a fol. 119 sa' 121 tal-process, id-dokumenti pprezentati minn Alan Amato a fol.

---

1 Fol. 95A sa' 95J tal-process.
2 Fol. 95K u 95L tal-process.
3 Fol. 95N sa' 95R tal-process.
4 Fol. 95 S sa' 95W tal-process.
5 Fol. 169 sa' 179 tal-process.
6 Fol. 180 sa' 182 tal-process.
7 Fol. 183 sa' 185 tal-process.
8 Fol. 186 sa' 188 tal-process.

126 sa’ 168 tal-process, ra l-affidavit ta’ Dr. Mario Spiteri a fol. 123 u 124 tal-process, ra l-affidavit tar-Rikorrent markat Dok. “XY” u d-dokumenti annessi mieghu a fol.194 sa’ 197 tal-process, ra l-affidavit ta’ Anthony Zarb a fol. 199 sa’ 204 tal-process u ra d-dokumenti esebiti ma’ l-affidavit ta’ Anthony Zarb a fol. 205 sa’ 307 tal-process, sema’ x-xhieda ta’ Anthony Zarb moghtija waqt is-seduti tal-11 ta’ Dicembru 2012[9] u tat-8 ta’ April 2013[10], ra l-affidavit ta’ Francis Farrugia a fol. 327 u 328 tal-process, sema’ x-xhieda ta’ Raphael Scerri moghtija waqt is-seduta tat-18 ta’ Frar 2013[11], ra l-affidavit ta’ Christopher Ciantar fiz-zmien Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali markat Dok. “MRRASP” a fol. 340 sa’ 343 tal-process, ra d-dokumenti esebiti mill-Intimati permezz ta’ Nota pprezentata fit-8 ta’ Marzu 2013 markati Dok. “MRRA APP” sa’ Dok. “MRRA RIS” a fol. 345 sa’ 351 tal-process, sema’ x-xhieda ta’ Christopher Ciantar[12] u ta’ Francis Farrugia[13] moghtija waqt is-seduta tat-8 ta’ April 2013;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent ipprezentata fl-14 ta' Mejju 2013[14] u ra n-Nota Resonsiva ta' l-Intimati pprezentata fl-14 ta' Gunju 2013[15];

Sema' t-trattazzjoni finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent qed jikkontesta decizjoni li ttiehdet fil-konfront tieghu minn Dr. Mario Spiteri bhala Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u Akkwakultura, komunikata lilu b'ittra datata 23 ta' Marzu 2012, li biha gie applikat fil-konfront tieghu l-Artikolu 20 ta'

[9] Fol. 319 sa’ 324 tal-process.
[10] Fol. 373 sa’ 383 tal-process.
[11] Fol. 329 sa’ 338 tal-process.
[12] Fol. 355 sa’ 366 tal-process.
[13] Fol. 367 sa’ 372 tal-process.
[14] Fol. 385 sa’ 390 tal-process.
[15] Fol. 394 sa’ 410 tal-process.

l-Avviz Legali 54 ta' l-2011[16] u ttehidlu l-permess li jbiegh fis-Swieq tal-Bdiewa b'mod immedjat u ghal perijodu indefinit.

Ir-raguni li nghatat ghal din id-decizjoni hija li minkejja diversi twissijiet permezz ta' ittra mibghuta lill-bdiewa kollha li jippartecipaw fis-Swieq tal-Bdiewa u permezz ta' ittra ohra datata 8 ta' Marzu 2011 indirizzata lir-Rikorrent, *inti ergajt inqbadt mid-Dipartiment tikser il-Ligi tas-Swieq tal-Bdiewa u cioè l-Avviz Legali 54 ta' l-2011, Artikolu 17(4) li specifikatament jghid: "Detentur ta' permess jew is-sositut tieghu ma jista' f'ebda waqt joffri mill-posta allokata lilu fis-Suq tal-Bdiewa prodott agrikolu importat jew xi prodott agrikolu li jkun inxtara jew li gie xort'ohra akkwistat minn centru tas-Swieq tal-prodotti tal-bideja.* Ir-Rikorrent jikkontendi però li dak li qed jigi akkuzat bih fl-imsemmija decizjoni ma huwiex minnu ghaliex *dak li kien gara* [fl-20 ta' Marzu 2012] *kien li kien cempillu wiehed u qallu biex jghabbilu kaxxa bzar tal-kulur u zewg kaxxi patata fil-vann tieghu ghax kellu l-vann bil-hsara*[17]*.* Ghaldaqstant jitlob li d-decizjoni imsemmija tigi revokata u imhassra u li d-Direttur Generali u s-Sgretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ta' l-Izvilupp Rurali u l-Affarijiet Rurali jigu ordnati jaghtuh lura l-licenzja sabiex jopera mis-Swieq tal-Bdiewa.

L-Intimati jopponu ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitolbu li l-istess jigu michuda ghaliex dak minnu allegat fir-Rikors promotur huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u d-decizjoni li ittiehdet fil-konfront tieghu ttiehdet ai termini tal-Ligi u ghall-ahjar interess tal-konsumatur u tal-bidwi. Fir-Risposta taghhom jispjegaw li l-iskop wara s-Swieq tal-Bdiewa huwa li l-konsumatur ikun jista' jixtri l-frott u l-haxix direttament mill-bidwi ta' l-ghazla tieghu u ghalhekk ikollu garanzija li l-prodott mixtri minnu huwa iktar frisk u genwin u li l-bidwi jgawdi minn iktar qligh mill-prodotti tieghu milli kieku *mar jixtri l-prodotti tieghu minghand il-pitkala jew minghand xi intermedjarju iehor li ma hux xi bidwi iehor*. Is-Swieq tal-Bdiewa huma regolati bir-Regolamenti fil-Legislazzjoni Sussidjarja 177.31 fejn ir-Regolament 17(4)

[16] Regolamenti dwar is-Swieq tal-Bdiewa, Legislazzjoni Sussidjarja 117.31.
[17] Rikors promotur.

specifikatament jipprovdi li *"detentur ta' permess jew is-sostitut tieghu ma jista' f'ebda waqt joffri mill-posta allokata lilu fis-Suq tal-Bdiewa prodott agrikolu importat jew xi prodott agrikolu li jkun inxtara jew li gie xort' ohra akkwistat minn centru tas-swieq tal-prodotti tal-biedja* u jikkontendu li r-Rikorrent kien gie imwissi diversi drabi bir-Regolament appena citat kemm b'ittra generali li ntbaghtet lill-bdiewa kollha kif ukoll b'ittra ohra datata 8 ta' Marzu 2011 indirizzata lilu personalment izda *baqa' jaghmel ta' rasu u baqa' jixtri frott u haxix mill-pitkalija u imbaghad ibighhom lill-konsumatur bhallikieku huma prodotti tieghu*[18]*.*

In gustifikazzjoni tad-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tar-Rikorrent l-Intimati jikkontendu li *ta' min jinnota li d-decizjoni mehuda mill-esponenti ma kinitx intempestiva u fil-fatt l-esponenti taw bizzejjed zmien lir-rikorrenti sabiex ikun jista' jtejjeb il-modi tieghu. Illi wara it-tieni avviz mibghut lir-rikorrenti nhar it-8 ta' Marzu 2011 l-esponenti tawh sena ohra zmien sabiex jirranga u meta raw li ma nbidel xejn, f'Marzu ta' l-2012 baghtulu l-ittra li hija mertu ta' din il-kawza u li turi li l-permess tar-rikorrenti gie mehud. ... Illi jekk ir-rikorrenti intrabat ma' l-esponenti li ghandu jibda jbiegh prodott frisk mill-ghelieqi tieghu direttament lill-konsumatur, il-fatt li ma kienx qed iforni lill-konsumaturi bi prodotti li huma verament tieghu jew li jkunu derivanti minghand bdiewa ohra izda kien qed jixtrihom minghand intermedjarju u jbieghhom bhallikieku kienu tieghu, hija mgieba ta' min jistmerra. Illi apparti hekk, dan imur sfaccatament kontra l-ligi u kien ghalhekk li r-rikorrenti gie avzat kemm-il darba u ghandna recordings apposta li juru li fil-fatt ir-rikorrenti gie avzat hafna drabi izda ir-rikorrenti, minkejja li jaf l-affarijiet kif ghandhom ikunu, ipprefera jaghmel fattih milli jimxi skont ma hu rikjest minnu mill-ligi. ... Illi in vista tas-suespost, huwa evidenti li l-permess tieghu gie revokat ghal diversi ragunijiet validi li huma fondati fil-ligi. .... Illi kieku r-rikorrenti dejjem mexa kif suppost u skont ir-regolamenti u ma baqax iwebbes rasu, zgur li ma kienx ser jinghata twissijiet numeruzi u jircievi diversi ittri javzawh sabiex*

[18] Risposta ta' l-Intimati.

*jimxi skont il-ligi. ... Illi difficli ghar-rikorrenti li jiddritta darba ghal dejjem il-mod mghawweg ta' kif qed jimxi ghaliex mill-erbghin tomna raba li ghandu, il-maggorparti taghhom huma kollha mizrughin bil-qamh u ftit biss huma dawk l-ghelieqi li fihom ikabbar il-frott u l-hxejjex li jista' jbieghhom lill-konsumatur. .... Peress illi r-rikorrenti baqa' jippersevera fl-izbalji tieghu, li kieku l-permess kellu jinghata lura, l-ghan li ghalih gew imwaqqfa s-Swieq tal-Bdiewa se jigi allura miksur b'mod irrimedjabbli u l-vittma ahharija ta' dan kollu ser ikun bla dubju ta' xejn il-konsumatur li huwa tant ghal qalb l-esponenti*[19].

Apparte l-kontestazzjoni fil-mertu l-Intimati rrilevaw zball fl-okkju tal-kawza fis-sens illi il-mod kif ir-Rikorrent originarjament ipprezenta r-Rikors tieghu kontra d-Direttur Generali u is-Segretarju Permanenti minghajr ebda indikazzjoni specifika dwar liema Ministeru huma Direttur Generali u Segretarju Permanenti, kien vag wisq u seta' jaghti lok ghal diffikultajiet u ekwivoci tul il-kors tal-kawza. Biex tigi indirizzata u sorvolata din il-kwistjoni b'Digriet moghti fil-5 ta' Lulju 2012 it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri fis-sens illi l-kliem "Direttur Generali u Segretarju Permanenti" jigu kkancellati u minflok jitnizzlu l-kliem "Direttur Generali tad-Direttorat tas-Swieq bl-Ingrossa u Facilitajiet tal-Flotta tas-Sajd, Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura u s-Sgretarju Permanenti tal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali". In segwitu ghal dan id-Digriet u senjatament fl-14 ta' Settembru 2012 l-Intimati rrilevaw illi llum il-kariga ta' Direttur Generali tad-Direttorat tas-Swieq bl-Ingrossa u Facilitajiet tal-Flotta tas-Sajd ma ghadhiex tezisti u ghadu involut fil-kaz biss id-Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura u konsegwentement jitolbu korrezzjoni ulterjuri fl-okkju tal-kawza billi jigu ikkancellati l-kliem "Direttur Generali tad-Direttorat tas-Swieq bl-Ingrossa u Facilitajiet tal-Flotta tas-Sajd". Fic-cirkostanzi t-Tribunal iqis li din il-korrezzjoni ghandha ssir sabiex din id-decizjoni effettivament taghmel stat fil-konfront tal-persuni effettivament involuti u ghalhekk jordna li l-okkju tal-proceduri jigi korrett billi jigu

[19] Risposta ta' l-Intimati.

kkancellati l-kliem "Direttur Generali tad-Direttorat tas-Swieq bl-Ingrossa u Facilitajiet tal-Flotta tas-Sajd" u l-Intimati jibqghu biss id-Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura u Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali.

B'Risposta ulterjuri pprezentata fil-14 ta' Settembru 2012 is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali eccepixxa li hu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu ma huwiex il-legittimu kontradittur tar-Rikorrent peress illi d-decizjoni ttiehdet minn Dr. Mario Spiteri bhala Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura wara li kkonsulta ma' l-ufficjali u s-superjuri tieghu, u ai termini ta' l-Artikolu 181B(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta *l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun nkariga fl-materja in kwistjoni.* Ir-Rikorrent jikkontesta din l-eccezzjoni ghaliex skontu *mix-xhieda ta' l-istess segretarju permanenti ta' dak iz-zmien johrog car li kien huwa li ha d-decizjoni biex lir-rikorrenti tigi kancellata lilu l-licenzja*[20].

B'referenza ghal din l-eccezzjoni t-Tribunal josserva li l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Provvisti u is-Servizzi, Kap. 117 tal-Ligijiet ta' Malta, li tahtu gew maghmula r-Regolamenti dwar is-Swieq tal-Bdiewa, Legislazzjoni Sussidjarja 117.31, jipprovdi li *kull licenza jew permess jew permess moghti ghall-finijiet ta' xi regolament maghmul taht dan l-Att jistghu jithassru f'kull zmien mill-awtorità jew persuna li ghandha s-setgha li taghtih.* Ai termini tar-Regolamenti dwar is-Swieq tal-Bdiewa l-permess biex tigi operata posta fis-Swieq tal-Bdiewa jinhareg mit-Taqsima dwar l-Awtorizzazzjoni tas-Swieq li hija t-Taqsima awtorizzata mill-Ministru biex torganizza u tamministra s-Swieq tal-Bdiewa. Din l-istess Taqsima ghandha s-setgha, a tenur tar-Regolament 20, li tissosspendi jew tikkancella dan il-permess jekk tkun sodisfatta li d-detentur tal-permess jew sostitut tieghu fost affarijiet ohra jkun naqas milli josserva r-Regolamenti. Ai termini ta' l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta, *it-*

[20] Nota ta’ Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 385 sa’ 390 tal-process.

*Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt...*

Minn dawn il-provvedimenti johrog car li l-legittimu kontradittur tar-Rikorrent hija t-Taqsima dwar l-Awtorizzazzjoni tas-Swieq u ghalhekk jehtieg jigi determinat liema Taqsima giet awtorizzata mill-Ministru biex torganizza u tamministra s-Swieq tal-Bdiewa u jekk b'xi mod is-Segretarju Permanenti kienx involut.

Mill-provi prodotti u senjatament mill-affidavit[21] u x-xhieda ta' Dr. Mario Spiteri[22] u mid-dokumenti esebiti minn Anthony Zarb a fol. 208 sa' 307 tal-process jirrizulta li fiz-zmien pertinenti ghall-kaz tar-Rikorrent is-Swieq tal-Bdiewa kienu jaqghu taht ir-responsabilità l-ewwel tad-Direttorat tas-Swieq bl-Ingrossa u Facilitajiet tal-Flotta tas-Sajd u in segwitu tad-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura, b'dan ta' l-ahhar taht id-direzzjoni ta' Dr. Mario Spiteri bhala Direttur Generali. Id-decizjoni fil-konfront tar-Rikorrent inharget mid-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura taht il-firma ta' Dr. Mario Spiteri bhala Direttur Generali. Ghaldaqstant huwa zgur li d-Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura (iktar 'l quddiem f'din is-sentenza indikat bhala d-Direttur Generali) huwa l-legittimu kontradittur tar-Rikorrent. Jirrizula wkoll li Dr. Mario Spiteri kien jikkonsulta mas-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali dwar problemi li kien qed ikollu fil-kuntest tas-Swieq tal-Bdiewa u l-istess Segretarju Permanenti kien qed jinzamm infurmat b'dak li kien qed jigri fir-rigward tar-Rikorrent u anke kien involut fid-decizjonijiet li ttiehdu fil-konfront tar-Rikorrent, inkluz id-decizjoni kontestata, izda b'daqshekk ma jfissirx li b'daqshekk is-Segretarju Permanenti ghandu jitqies bhala legittimu kontradittur tar-Rikorrent.

Il-Ligi fir-rigward hija cara u cioè il-permess jista' jigi sospiz jew ikkancellat b'mod formali biss mit-Taqsima dwar l-Awtorizzazzjoni tas-Swieq li kif appena osservat

---

[21] Fol. 123 u 124 tal-process.
[22] Seduta tat-18 ta' Ottubru 2012 a fol. 169 sa' 179 tal-process.

fiz-zmien in kwistjoni kien id-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura, li appuntu taht il-firma tad-Direttur Generali Dr. Mario Spiteri rtira l-permess tar-Rikorrent b'mod indefinit u ghalhekk huwa, indipendentement ma' min seta' ikkonsulta qabel ma ha d-decizjoni effettiva tieghu, huwa biss id-Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura li ghandu jirrispondi fil-konfront tar-Rikorrent ghal dik id-decizjoni.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk it-Tribunal hu tal-fehma li l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, fis-sens li ma huwiex il-legittimu kontradittur tar-Rikorrent u b'hekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha.

Dan kollu appena osservat fir-rigward ta' l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Minsiteru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali jolqot mill-qrib is-sottomissjoni avvanzata mir-Rikorrent fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu, u cioè li skontu d-decizjoni kontestata hija *ultra vires* ghaliex *hija t-Taqsima* (ossia t-Taqsima awtorizzata mill-Ministru biex torganizza u tamministra Swieq tal-Bdiewa) *li tista' tissospendi jew thassar tali permess u mhux l-intimati kif fil-fatt gara u kif irrizulta minn dawn il-proceduri. Difatti dan l-avviz legali dejjem poteri lil din it-Taqsima u lill-ebda wiehed mill-intimati*[23]*.*

Ghalkemm it-Tribunal jaqbel ma' l-osservazzjoni ta' l-Intimati li din il-kwistjoni giet sollevata mir-Rikorrent ghall-ewwel darba biss fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu u ma gietx minnu imressqa bhala aggravju formali u ghalhekk strettament tikkostitwixxi punt gdid li ma ghandux jigi kkunsidrat mit-Tribunal, fic-cirkostanzi tal-kaz u fid-dawl ta' dak li rrizulta mill-provi dwar min effettivament kellu s-setgha li jirregola u b'hekk johrog jew jissosspendi jew jirrevoka permessi ghall-bejgh mis-Swieq tal-Bdiewa, u cioè l-ewwel id-Direttorat tas-Swieq bl-Ingrossa u Facilitajiet tal-Flotta tas-Sajd u in segwitu d-Dipartiment ta'

[23] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 385 sa' 390 tal-process.

l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura, it-Tribunal iqis li din is-sottomissjoni tar-Rikorrenti hija kompletament infondata u b’hekk ma ghandhiex tigi milqugha. Jidher bic-car in fatti li d-decizjoni kontestata inharget minn min effettivament inghata s-setgha li jirregola u jikkontrolla dan is-settur partikolari u ghalhekk minn dan l-aspett partikolari ma tistax titqies bhala *ultra vires*.

Trattati dawn il-punti jehtieg issa jigi trattat il-mertu ta' dawn il-proceduri u cioè ghandhiex o meno d-decizjoni tad-Direttur Generali ghad-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura (iktar ‘l quddiem f’din is-sentenza indikat bhala d-Direttur Generali) komunikata lir-Rikorrent b'ittra datata 23 ta' Marzu 2012 tigi revokata u imhassra jew inkella le.

Kif già osservat iktar ‘l fuq il-permess tar-Rikorrent li jbiegh fis-Swieq tal-Bdiewa ttiehed ghal perijodu indefinit ghaliex *fl-20 ta’ Marzu 2012 int ergajt inqbadt mid-Dipartiment tikser il-ligi tas-Swieq tal-Bdiewa u cioè l-Avviz Legali 54 ta’ l-2011, Artikolu 17(4)*, fis-sens illi fil-granet tas-Swieq tal-Bdiewa r-Rikorrent kien qed ibiegh mill-posta allokata lilu prodott akkwistat mill-Pikalija u mhux prodott mill-ghelieqi tieghu jew akkwistat minghand xi bidwi iehor. Mix-xhieda ta’ Dr. Mario Spiteri, Direttur Generali tad-Dipartiment ta’ l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura, jirrizulta li din id-decizjoni ttiehdet in bazi ghal rapport li sar fil-konfront tar-Rikorrent minn Anthony Zarb, dak iz-zmien Manager responsabbli mis-Swieq tal-Bdiewa, dwar incident li nqala’ fl-20 ta’ Marzu 2012 – ossia li r-Rikorrent allegatament inqabad bi prodott akkwistat mill-Pitkalija intiz ghall-bejgh mill-posta tieghu fis-Swieq tal-Bdiewa – liema rapport kien jirrigwarda l-ennesimu allegat kaz fejn ir-Rikorrent inqabad f’dan it-tip ta’ agir li jmur kontra r-Regolamenti li jirregolaw is-Swieq tal-Bdiewa. In effetti fir-Risposta ta’ l-Intimati ghar-Rikors promotur l-istess intimati jikkontendu li *huwa evidenti li l-permess tieghu gie revokat ghal diversi ragunijiet validi li huma fondati fil-ligi.*

Fir-rigward fl-affidavit[24] tieghu Dr. Mario Spiteri jghid *wara diversi rapporti li dahluli wara id-dhul fis-sehh tas-Swieq tal-Bdiewa, liema suq dahal fis-sehh f'Ottubru ta' l-2010, jiena iddiskutejt mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, Dr. Christopher Ciantar u mal-Manager tal-Pitkalija, is-Sur Anthony Zarb, sabiex tinhareg twissija formali bil-miktub lill-bdiewa kollha[25]. Din l-ittra kienet tavza lill-bdiewa biex jimxu skont ir-regolamenti, liema regolamenti kienu gew specifikati b'mod car. Jiena bghatt lis-Sinjuri Sciortino diversi ittri – wahda generali lill-bdiewa kollha[26], ohra lilhom direttament datata 8 ta' Marzu 2011[27] u l-ahhar wahda ntbaghtet lilhom sena wara u hija datata 23 ta' Marzu 2012[28]. L-ittra ta' l-ahhar intbaghtet wara li fl-20 ta' Marzu, Joseph Sciortino rega' inqabad jikser ir-regolamenti tas-Swieq tal-Bdiewa in flagrante[29]. Meta s-Sinjuri Sciortino saru jafu li l-licenzja taghhom tal-Farmers' Market giet imhassra, huma gew jipprotestaw mieghi fuq il-fatt li tkeccew u qalu li dan mhux sew ghax ma kellhomx ghalfejn jigu mkeccija. Meta jien ghidtilhom bl-akkuzi serji li kien hemm kontrihom min-naha tal-manager li qabadhom jixtru prodotti mill-pitkalija li kienu ntizi biex imorru ghall-farmers' market, wara li l-ewwel cahdu u qalu li mhux veru xtraw l-affarijiet mill-pitkalija, ftit wara ammettew li mhux huma biss jaghmlu hekk. Fil-fatt il-mara tas-Sur Sciortino qaltli: "Mhux ahna biss naghmlu hekk! Lilna biss jara?".*

Minn ezami tal-provi l-ohra prodotti però it-Tribunal ma huwiex affattu konvint mill-validità tad-decizjoni li d-Direttur ha fil-konfront tar-Rikorrent fit-23 ta' Marzu 2012 u dana ghas-segwenti ragunijiet: (i) ma tressqux provi sodisfacenti fir-rigward ta' dak allegat mid-Direttur Generali u anke minn Anthony Zarb fil-konfront tar-Rikorrent, minkejja l-enfasi ripetuta kemm tad-Direttur Generali kif ukoll ta' Anthony Zarb li ghandhom tali provi f'idejhom; (ii) id-Direttur Generali ma investigax bil-mod opportun ir-rapporti li kienu qed isirulu fir-rigward tar-

24 Fol. 123 u 124 tal-process.
25 Dok. "A" a fol. 117 tal-process.
26 Ibid.
27 Dok. "B" a fol. 116 tal-process.
28 Dok. "MS" a fol. 115 tal-process.
29 Sottolinear tat-Tribunal.

Rikorrent, specjalment fir-rigward ta' l-incident li nqala' fl-20 ta' Marzu 2012; u (iii) qabel ma ha d-decizjoni komunikata lir-Rikorrent bl-ittra datata 23 ta' Marzu 2012, id-Direttur Generali ma baghatx ghar-Rikorrent biex jaghtih l-opportunità jirribatti r-rapport li sar fil-konfront tieghu minn Anthony Zarb, izda strah esklussivament fuq dak li kien hemm fl-imsemmi rapport.

Ghalkemm id-Direttur Generali jishaqq li fir-rigward tar-Rikorrent kellu diversi rapporti qabel dak ta' l-20 ta' Marzu 2012 li l-istess Rikorrent kien qed ibiegh mis-Swieq tal-Bdiewa prodotti akkwistati mill-Pitkalija ma tressqet ebda prova konkreta fir-rigward. Huwa minnu li gew esebiti l-affidavits ta' Anthony Zarb[30], dak iz-zmien Manager fuq is-Swieq tal-Bdiewa, u ta' Dr. Christopher Ciantar[31], dak iz-zmien Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, izda dak minnhom affermat ma gie bl-ebda mod ikkoroborat bi provi ohra – senjatament bix-xhieda tat-terzi li a loro volta jidher li ressqu r-rapporti jew ilmenti taghhom lilhom fir-rigward ta' l-agir tar-Rikorrent – ghalkemm fic-cirkostanzi tali prova korroborattiva ma kellhiex tkun difficili jew impossibbli biex titressaq.

Fl-affidavit tieghu Anthony Zarb jghid illi *jien bghatt diversi ittri lil diversi bdiewa li kelli prova li qed jixtru mill-pitkalija u li kienu qed ibieghu dak li jixtru mill-Pitkalija fil-Farmers' Market*[32] *bhala prodotti taghhom, fejn gew imwiddba sabiex jieqfu milli jkomplu jaghmlu hekk. L-ewwel darba li kont rajt lil Joseph Sciortino jixtri mill-pitkalija kien fil-25 ta' Frar 2011 fejn is-Sur Sciortino kien fejn pitkal numru 43 Fredu Azzopardi u jien kont fejn l-ufficcju tal-FCCS, jigifieri faccata. Dan il-pitkal beda jcempel lil bidwi partikolari (li ironikament wara ndunajt li kien jarma fil-Farmers' Market) u beda jistaqsih jekk ghandux tewm u qallu biex igiblu t-tewm kollu li ghandu. Wara xi ghoxrin minuta, rajt li dan il-bidwi partikolari diehel bit-tewm, waqaf quddiem il-pitkal, il-pitkal qabad bejn wiehed u iehor tmien faxxi tewm u tahom f'idejn Joseph Sciortino. L-ghada dak it-tewm kien*

30 Fol. 199 sa' 204 tal-process.
31 Fol. 340 sa' 343 tal-process.
32 Sottolinear tat-Tribunal.

*ghall-bejgh fil-farmers' market u cert minn dan ghaliex jien staqsejt lil dak il-bidwi li rajt jaghti t-tewm lill-pitkal u kkonfermali li dawk kienu l-faxex tat-tewm tieghu izda ma kienx jaf li kienu ghal Sciortino.*[33] *... Ghal diversi drabi, jien rajt lis-Sur Sciortino u l-mara tieghu quddiem pitkal partikolari wara s-2pm ihottu kaxxi vojta lill-pitkal partikolari u mbaghad is-Sinjura Sciortino tidhol bid-diary taht abtha u bil-portafoll ghand zewg pitkala partikolari b'zewgha ghassa biex jara jekk jien kontx x'imkien fil-vicinanzi.*[34] *Jien dejjem urejthom li qed ninduna b'dak li kienu qed jaghmlu.*

Fl-affidavit tieghu Christopher Ciantar jiddikjara li *l-Ministeru bdew jaslulu hafna rapporti minn operaturi, pitkala u hawkers li kien hemm bdiewa li joperaw fis-Swieq tal-Bdiewa li qed jidhlu jixtru mic-Centru tas-Swieq tal-prodotti tal-Biedja (Pitkalija) u jbieghuh fl-Iswieq tal-bdiewa. Allura, bhala Ministeru bdejna ninvestigaw biex naraw jekk dawn ix-xniehat kienux minnhom u bdejna nindunaw illi kien hemm xi bdiewa fosthom Joseph Sciortino, li verament kienu qeghdin jixtru prodotti mill-Pitkalija, imbaghad ibieghuhom fis-Swieq tal-Bdiewa*[35]*. ... Lil Joseph Sciortino ukoll ntbaghtitlu din l-ittra. F'din l-ittra kien avzat li dan kien l-ahhar avviz li kien ser jintbaghtlu. Sciortino baqa' ma semax u mhux hekk biss talli fid-dawl ta' dan biddel it-tattika tieghu u beda jibghat lil haddiehor jixtri ghalih, tant hu hekk li nqabad ukoll fil-fatt jaccetta prodotti li kien ghadu kif inxtara mill-Pitkalija. Ghandu jinghad ukoll li bdiewa ohra kienu qed ihossuhom pregudikati fil-hidma taghhom minhabba l-varjetà wiesa' ta' prodotti li kien ikollu Sciortino komparat maghhom, u dan ghaliex Sciortino kien qed jixtri prodotti mill-Pitkalija li hu ovvjament ma kinex ikabbar fl-ghelieqi tieghu, u dan b'differenza ghal bdiewa ohra li kienu qed ibieghu prodotti li jkabbru huma stess. Dawn il-bdiewa gew jilmentaw mieghi personalment diversi drabi*[36]*. Fl-ahhar mill-ahhar, dan l-agir kollu kien qed jirrizulta f'ingann ghall-konsumatur ghax il-principju kollu tas-Swieq tal-Bdiewa*

33 Sottolinear tat-Tribunal.
34 Ibid.
35 Sottolinear tat-Tribunal.
36 Ibid.

*mill-lenti tal-konsumatur kien li dan ikun jaf il-prodott li qed jixtri m'ghand liema bidwi gej. Nghid ukoll illi qabel ma ttiehdet il-mizura li lil Joseph Sciortino nohdulu l-permess ahna konna ilna nwissu u nispjegaw lil Sciortino l-obbligi tieghu biex jibqa' jippartecipa fis-Swieq tal-Bdiewa, izda Sciortino baqa' jwebbes rasu u jsostni li hu kellu jibqa' jidhol biex jixtri mill-Pitkalija. Kif fil-fatt baqa' jaghmel u ghaldaqstant wara aktar minn SENA sejrin hekk ma kienx baqalna alternattiva ohra hlief li nipprocedu biex il-permess jigi mehud b'mod immedjat u ghal perjodu indefinit kif gie komunikat lilu permezz ta' ittra datata 23 ta' Marzu 2012*[37]*. Fl-ittra spjegajnilu r-ragunijiet ghalfejn hadna dil-mizura, liema ragunijiet konna ilna nghiduhomlu ghal tul ta' zmien.*

Ghal xi raguni li t-Tribunal ma jistax jifhem id-Direttur Generali, il-legittimu kontradittur attwali tar-Rikorrent, naqas milli jressaq l-provi li Anthony Zarb u Christopher Ciantar jew ahjar il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali jghidu ghandhom fil-pussess taghhom li juru li r-Rikorrent kien qed ibiegh prodotti akkwistati mill-Pitkalija fis-Swieq tal-Bdiewa u dana sa' minn qabel l-incident ta' l-20 ta' Marzu 2012. Ghalkemm Zarb u Ciantar jghidu li kien hemm diversi rapporti minn xerrejja, bdiewa w operaturi fir-rigward tar-Rikorrent u Anthony Zarb ighid li kien ra lir-Rikorrent jixtri prodott minghand Pitkala partikolari ghall-fini li jerga' jbieghu fis-Swieq tal-Bdiewa, dawn in-nies ma tressqux bhala xhieda biex jikkonfermaw ir-rapporti taghhom fil-konfront tar-Rikorrent u/jew transazzjonijiet taghhom mar-Rikorrent skond il-kaz. Dan in-nuqqas huwa iktar u iktar inspjegabbli meta d-Diretturi Generali jishaqq li d-decizjoni kontestata hija konsegwenza diretta ta' vjolazzjonijiet ripetuti da parte tar-Rikorrent tar-Regolamenti li jirregola s-Swieq tal-Bdiewa fuq medda ta' zmien u li l-istess decizjoni kienet ibbazata fuq diversi ragunijiet validi fil-Ligi.

Fil-fehma tat-Tribunal id-Direttur Generali lanqas ma rnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti li dakinhar ta' l-20 ta' Marzu 2012 ir-Rikorrent per l-ennesima volta inqabad jixtri

---

37 Ibid.

prodott mill-Pitkalija ghall-fini li jbieghu mis-Swieq tal-Bdiewa.

Fl-affidavit tieghu Anthony Zarb jghid illi *dakinhar ta' l-20 ta' Marzu 2012, il-pitkalija kienet miftuha fis-siegha ta' filghodu peress li l-gurnata ta' qabel kienet il-festa ta' San Guzepp. Bhas-soltu jien inkun prezenti l-hin kollu meta nkun nista'. Ghall-habta tat-3:25a.m. kont ghaddej minn parti tal-pitkalija fejn avvicinawni hames xerrejja u pitkal partikolari fejn qaluli: "Mela l-bdiewa tal-farmers' market jistghu jixtru mill-pitkalija?"*[38] *Jien ghidtlu: "Fejn qieghed dan li qed jixtri?" Huma qaluli "Dawwar ftit rasek u tinduna jekk tara". Ftit passi boghod ilmaht lis-Sur Sciortino mat-tifel tieghu u lili ma rawnix. Jien bdejt ninnota lis-Sur Sciortino jaghzel il-prodotti fosthom kurrad, patata, bzar ahdar, bzar tal-kulur, karfus u xi zewg kaxxi basal niexef. X'hin indunajt x'inhu jaghmel wara li gibduli l-attenzjoni dawn imsemmija hawn fuq, mort hdejn senior security officer fl-ghassa tal-pitkalija fejn hemm ghandna l-monitor base u jien issettjat il-camera fuq fejn kien is-Sur Sciortino u hallejt lis-senior security officer isegwih. F'dak il-mument jien issellift vettura ta' bidwi u mort nipparkja ezatt ma genb il-pitkal fejn kien is-Sur Sciortino. F'hin minnhom, smajt lis-Sur Sciortino jghid lil Raymond Borg, li huwa l-haddiem tal-pitkal u lil Anthony Attard: "Issa ohrogli x-xoghol fil-parking ta' quddiem l-Ambaxxata Amerikana" u l-pitkal irrispondieh "Fejn inbieghu l-frott ta' barra?" u Joseph Sciortino qallu: "Iva ahjar hekk ma jmurx jarana dak il-XXX". U uzaw xi kliem baxx fil-konfront tieghi*[39]. Fl-istess affidavit Anthony Zarb jghaddi biex jaghti rakkont dettaljat ta' dak li gara wara li waqaf hdejn ir-Rikorrent u Anthony Attard quddiem l-Ambaxxata Amerikana u fost affarijiet ohra jishaq li *fil-vann tal-pitkal kien hemm madwar tletin kaxxa. X'hin jien mort fuqhom u waqqafthom kienu lahqu ghabbew hdax-il kaxxa fil-vann ta' Joseph Sciortino*[40] *u kien fadal il-kumplament fil-vann tal-pitkal li qalli li dawk li kien fadal fil-vann huma ghal haddiehor. Illi kieku veru lil dan il-pitkal partikolari waqaflu l-vann, kieku kien jghabbi kollox fil-vann ta' Joseph Sciortino. Kien f'dak il-mument li jien ghamilt is-sinjal lil*

[38] Sottolinear tat-Tribunal.
[39] Ibid.
[40] Ibid.

*Francis sabiex jigi u xeghel id-dawl tal-karozza. Joseph Sciortino ammetta li xtara mill-pitkalija u staqsieni kemm-il darba "Mela minn fejn tridni nixtri?"*[41]

In sostenn ta' dak affermat minn Anthony Zarb dwar dak li gara fl-20 ta' Marzu 2012, id-Direttur Generali pprezenta bhala prova: (i) file b'diversi dokumenti konnessi mal-kwistjoni[42] fejn fosthom hemm ir-rapport li Zarb ghamel lis-Segretarju Permanenti fir-rigward ta' dak li gara fl-20 ta' Marzu 2012 u fejn fl-ahhar tar-rapport jghid *anness ghandek issib ukoll recordings ta' meta allegatament qbadt lis-Sur Sciortino jaghzel il-prodott minghand il-Pitkal John Bonavia u dan ta' l-ahhar jibghat haddiem minn tieghu bil-prodott fuq vettura IAU 037 barra mill-Pitkalija fil-parking tal-Parks quddiem l-Ambaxxata Amerikana fid-dlam cappa u dan sehh bejn it-3:30 u l-4:30 ta' fil-ghodu fl-20 ta' Marzu 2012. F'dan il-kaz jien kont akkumpanjat mis-security officer Mr. Francis Farrugia. Fir-recording ghandek issib ukoll snap shots mehudin mis-CCTV cameras li hemm installati fil-Pitkalija. Dawn juru il-fatti allegati, li J. Sciortino xtara l-prodott mill-Pitkalija fl-20 ta' Marzu 2012. Ghandek issib ukoll irrekordjata il-konversazzjoni bejni u bejn il-koppja Sciortino fir-rigward li dawn ta' l-ahhar allegaw li s-Sinjura Anna Zahra, li hija bidwja li tbiegh fil-Farmers' Market, fil-31 ta' Marzu 2012 kellha brungiel ta' barra. Dan irrizulta li ma kien xejn hlief qaljjiet u xnieghat min-naha taghhom sabiex jaghmlu l-hsara lill-individwi partecipanti;* (ii) traskrizzjoni ta' recording u r-recording stess[43] ta' dak li gara fl-20 ta' Marzu 2012 quddiem l-Ambaxxata Amerikana; u (iii) affidavit ta' Francis Farrugia, is-senior security officer li kien hemm ma' Anthony Zarb dakinhar ta' l-20 ta' Marzu 2012[44].

It-Tribunal però ma huwiex affattu sodisfatt li dawn il-provi effettivament jikkoroboraw dak affermat minn Anthony Zarb.

---

[41] Ibid.
[42] Fol. 208 sa' 307 tal-process.
[43] Fol. 308 sa' 317 tal-process u CD a fol. 318 tal-process.
[44] Fol. 327 u 328 tal-process.

Jibda jibex jinghad illi r-ritratti annessi mar-rapport ta' Anthony Zarb lis-Segretarju Permanenti bl-ebda mod ma juru li r-Rikorrent *xtara l-prodott mill-Pitkalija fl-20 ta' Marzu 2012*. Huwa minnu li r-Rikorrent jidher f'dawn ir-ritratti izda l-ebda wiehed minnhom fil-fehma tat-Tribunal ma juri b'mod car u konkret kif donnu jippretendi Zarb, li r-Rikorrent effettivament qed jixtri prodott mill-Pitkalija. Il-presenza tar-Rikorrent fil-Pitkalija tista' tkun indikattiva ta' l-iskop ghalfejn qieghed hemm imma jekk it-transazzjoni ta' l-akkwist ma tirrizultax b'mod espress hija biss assunzjoni li r-Rikorrent kien qieghed hemm bl-iskop li jakkwista prodott u addirittura li jakkwista prodott biex jerga' jerga' jbieghu mis-Swieq tal-Bdiewa, li hija l-akkuza specifika li qed tigi diretta fil-konfront tar-Rikorrent u ir-raguni in bazi ghal liema ttiehdet id-decizjoni kontestata fil-konfront tieghu.

Fir-rigward tar-recording ta' dak li gara quddiem l-Ambaxxata Amerikana bejn ir-Rikorrent u Anthony Zarb fl-20 ta' Marzu 2012, it-Tribunal ma jirravizax f'tali recording korroborazzjoni adegwata ta' dak affermat minn Anthony Zarb dwar dak li ra u dak li gara dakinhar ta' l-20 ta' Marzu 2012, u cioè li din kienet okkazzjoni ulterjuri fejn ir-Rikorrent akkwista prodott mill-Pitkalija ghall-fini li jerga' jbieghu mis-Swieq tal-Bdiewa.

Ir-Rikorrent ma jichadx li dakinhar ta' l-20 ta' Marzu 2012 kien qieghed quddiem l-Ambaxxata Amerikana jiehu kaxxi minghand Anthony Attard izda l-verzjoni li jaghti hu hija ghal kollox differenti minn dik moghtija minn Anthony Zarb. Ghalkemm Anthony Zarb ighid li fil-vettura tar-Rikorrent kien hemm hdax-il kaxxa prodott mill-Pitkalija, li skontu juri bic-car li dawn kienu intizi biex jergghu jinbieghu fis-Swieq tal-Bdiewa, fir-recording jidher biss il-prodott li kien hemm fil-vettura misjuqa minn Attard bin-Numru ta' Registrazzjoni IAU-037 u mhux dak li allegatament kien hemm fil-vettura misjuqa mir-Rikorrent. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jasal ghall-konkluzzjoni effettiva li fil-vettura tar-Rikorrent kien hemm hdax-il kaxxa kif affermat minn Anthony Zarb u mhux tlett kaxxi kif invece jghid ir-Rikorrent. Anthony Zarb jghid ukoll illi r-Rikorrent ammetta mieghu li xtara mill-Pitaklija u dana

skond Zarb ghall-fini li jerga' jbiegh dak il-prodott mis-Swieq tal-Bdiewa izda meta t-Tribunal sema' r-recording tad-diskors kollu li sar dakinhar ta' l-20 ta' Marzu 2012 – li kuntrarjament ghal dak affermat minn Zarb ma jirrizultax li sar bil-kunsens u konsapevolezza tar-Rikorrent in kwantu fejn fl-affidavit tieghu Zarb jghid *jiena infurmajthom li kont qed nirrekordjahom u rrispondieni biex niehu kemm irrid* tali diskors ma jirrizultax la mir-recording, li jidher li già kien ghaddej, u lanqas mit-traskrizzjoni tar-recording – dak li jinstema' jista' jkollu tifsira ghal kollox differenti minn dik li qed jipprova jaghti Anthony Zarb ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri u tad-decizjoni kontestata.

Id-diskors li sar bejn ir-Rikorrent u Anthony Zarb fir-rigward ta' akkwist mill-Pitkalija huwa f'dan is-sens: *Joe* (Ir-Rikorrent): *Jien ghandi r-restaurants. Tony* (Anthony Zarb) *Fejnhom? X'restaurants huma? Tieghek personali? Joe: Tieghi personali? Tony: Le, tbieghilhom? Joe: Eh. Tony: Le, ma tistax tixtri mill-Pitkalija Gu. Ghajjet nghidilkom. Joe: Allura minn fejn nixtri? Tony: Minghand il-bdiewa. Igifieri int qed tammetti li xtrajt mill-Pitkalija?* Minn dan id-diskors johrog car li r-Rikorrent akkwista prodott mill-Pitkalija izda huwa jghid li dan kien intiz ghal restaurants forniti minnu, imkien ma jghid jew jammetti li dak il-prodott kien intiz biex jerga' jinbiegh mis-Swieq tal-Bdiewa. Ghalkemm jista' jigi argumentat li akkwist mill-Pitkalija ma jistax isir a tenur tal-*proviso* tar-Regolament 6 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 117.31, ghalkemm mill-provi rrizulta li xorta jistghu jinxtraw sa' erba' kaxxi prodott mill-Pitkalija mhux ovvjament biex jergghu jinbieghu fis-Swieq tal-Bdiewa, l-akkuza diretta fil-konfront tar-Rikorrent u r-raguni tad-decizjoni kontestata ma humiex marbuta mal-ksur tar-Regolament 6 jew tal-*proviso* tieghu, izda mal-ksur tar-Regolament 17(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 117.31 li jikkontjeni provvediment differenti u in verità ferm iktar specifiku minn dak kontenut fir-Regolament 6.

Id-Direttur Generali certament ma jistax jippretendi li d-decizjoni kontestata tigi ikkonfermata minn dan it-Tribunal fuq xi bazi jew raguni diversa minn dik fuq liema huwa bbaza d-decizjoni tieghu tieghu u li giet minnu effettivament komunikata lir-Rikorrent. Ladarba id-Direttur

Generali ghazel li jipprocedi fil-konfront tar-Rikorrent ghall-allegata vjolazzjoni tar-Regolament 17(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 117.31, ghandha tirrizulta prova konkreta fir-rigward ta’ dik l-allegata vjolazzjoni u mhux xi prova li tista’ taghti indikazzjoni ta’ vjolazzjoni ta’ xi regolament iehor ta’ l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja.

Ghalkemm in sostenn ta’ dak affermat minn Anthony Zarb id-Direttur Generali esebixxa l-affidavit ta’ Francis Farrugia[45], is-senior security officer li kien ma’ Zarb dakinhar ta’ l-20 ta’ Marzu 2012, u dan Farrugia pratikament jikkonferma dak kollu affermat minn Anthony Zarb, it-Tribunal ftit li xejn jista’ jqis tali affidavit bhala kredibbli stante li in kontro-ezami[46] – liema kontro-ezami sar biss ftit xhur wara li sar l-affidavit – Francis Farrugia ma ftakar kwazi xejn mid-dettalji tal-kaz jew inkella ma kienx tant car dwarhom u in gustifikazzjoni ta’ dan hareg bl-iskuza li l-affidavit – fejn kien ftakar ben car dak li kien gara diversi xhur qabel – kien ghamlu zmien qabel il-kontro-ezami.

Fir-rigward ta' dak li gara fl-20 ta' Marzu 2012 id-Direttur Generali mill-gdid u ghal raguni ghalkollox inspjegabbli naqas milli jressaq bhala xhieda terzi li setghu facilment jikkoroboraw ix-xhieda moghtija minn Anthony Zarb partikolarment meta dak li gara fl-20 ta' Marzu 2012 skatta kollu minn ilmenti ta' dawn it-terzi ma' Zarb fir-rigward tar-Rikorrent. Ghalkemm Anthony Zarb jghid li *avvicinawni hames xerrejja u pitkal partikolari fejn qaluli: “Mela l-bdiewa tal-farmers’ market jistghu jixtru mill-pitkalija?”* u li huwa stess ra lir-Rikorrent jixtri prodott minghand certu Raymond Borg – fejn imbaghad jghid li rah jixtri prodott minghand certu Bonavia[47] - u li sema’ lil dan Borg icempel xi bidwi iehor dwar xi tewm u dan il-bidwi in segwitu kkonfermalu li t-tewm tieghu inbiegh mir-Rikorrent fis-Swieq tal-Bdiewa, dawn ix-xhieda ma tressqux quddiem dan it-Tribunal sabiex jikkonfermaw dan kollu u jissostanzjaw ix-xhieda ta' Zarb u konsegwentement id-decizjoni kontestata. Fattur iehor li jhalli lit-Tribunal

---

[45] Fol. 327 u 328 tal-process.
[46] Seduta tat-8 ta’ April 2013, fol. 367 sa’ 372 tal-process.
[47] Vide rapport lis-Segretarju Permanenti.

perpless huwa n-nuqqas totali da parte tad-Direttur Generali li jaghmel il-kontro-ezami ta' Anthony Attard meta dan fl-affidavit tieghu[48] prattikament ikkonferma dak kollu affermat mir-Rikorrent. Allegazzjoni ohra fil-konfront tar-Rikorrent li fil-fehma tat-Tribunal ma giex debitament ippruvata mid-Direttur Generali hija dik avvanzata minn Christopher Ciantar fil-kontro-ezami[49] u cioè li l-Ministeru ghandu fil-pussess tieghu lista shiha ta' prodotti li r-Rikorrent jixtri mill-Pitkalija liema lista turi li ir-Rikorrent effettivament kien qed jerga' jbiegh dak il-prodott. Ghalkemm din il-prova indubbjament ghandha rilevanza ghall-kaz in ezami ghal xi raguni jew ohra ma giex esebita fl-atti ta' dawn il-proceduri mid-Direttur Generali.

L-unika persuna minn dawk li b'xi mod kienu involuti f'dak li gara fl-20 ta' Marzu 2012 u li ma hijiex konnessa mad-Dipartiment ta' l-Affarijiet Rurali u l-Akkwakultura u/jew mal-Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali li xehdet f'dawn il-proceduri huwa Raphael Scerri li però fil-kontro-ezami[50] tieghu kategorikament cahad li kien ghamel rapport fil-konfront tar-Rikorrent ma' Anthony Zarb u li ra lir-Rikorrent jixtri prodott mill-Pitkalija. Huwa jghid *minn Tnejn sat-Tlieta jekk mhux izjed xi xerrejja jixtru minghandi jiena inkun il-Pitkali nkun qed inbieghlhom dawn jigifieri x'hin kien ghaddej Tony Zarb huwa minnu vera li gibduli l-attenzjoni li Sciortino kien qieghed ghand pitkal iehor jixtri. Jiena ma kontx naf x'qed jaghmel ghax jekk narak ghand pitkal iehor ma nistax nghid li inti qieghda tixtri. Le jiena ghedtilhom, ghedtilhom hu biss jigi jixtri? Ghax int ghandek problema hemmhekk. Il-Gvern ghamel is-sistema tal-farmers' market u kull bidwi, iva kull bidwi, mhux hu biss jigifieri hemm hafna mill-bdiewa li jidhlu u jixtru mill-Pitaklija forsi xi affarijiet ohra li jkun jonqoshom jigifieri fir-realtà l-farmers market mhux vera, mhux kollha forsi l-bdiewa kollha imma whud minnhom nista' naccertak jiena li mhux vera l-prodott taghhom imorru jbieghu hemmhekk u daqshekk, jekk ma ikunx jonqoshom xi haga ohra jidhlu jixtru mill-Pitaklija jew jixtru minn bidwi iehor. Le jien Joseph Sciortino minix nghid li*

[48] Fol. 74 tal-process.
[49] Seduta tat-8 ta' April 2013, fol. 355 sa' 366 tal-process.
[50] Seduta tat-18 ta' Frar 2013, fol. 329 sa' 338 tal-process.

*ghamel hekk. M'ghandix provi ta' dan jiena nghid li ghamel hekk. Le ma rajtux jixtri, qed nghidlek rajtu ghand pitkal iehor jiena u dawn ix-xerrejja gibdu l-attenzjoni lis-Sur Zarb. Però jiena m'ghandix provi li Joseph Sciortino kien qed jixtri. ... Qatt ma mort nirrapporta n-nies le mhux vera. Dakinhar jien ghedtilhom lix-xerrejja u jekk qed jixtri dak biss qed jixtri. M'hawnx bdiewa ohra tal-farmers' market li jidhlu jixtru. Dak id-diskors ghedtu iva.*

Ghal sensiela ta' domandi li sarulu Scerri rrisponda hekk: *Apparti li s-sistema skond kif qed tghid inti mhux qed tahdem sewwa. Inti hawn ghedtli illi hemm diversi bdiewa li fil-fatt qed jixtru mill-Pitkalija biex imbaghad ibieghuha mill-farmers' market fejn dawn fil-verità mhux qed ibieghu prodott taghhom biss? Iva uhud minnhom hekk qeghdin jaghmlu. Meta tarahom jixtru li dawn in-nies jigifieri inti jew forsi xtraw minn ghandek stess, jixtru b'certu kwantità li jidher illi mhux ghall-uzu personali? Iva jixtru. U l-Joseph Sciortino qatt ma rajtu jixtri b'dan il-kwantitajiet? Le qatt ma rajtu. Bil-gurament tieghek illi lis-Sur Sciortino qatt ma rajtu jagheml dan it-tip ta' akkwist? Le kull meta gie hdejja gie bil-biegha. Gieli ha xi erba' kaxxi xoghol u daqshekk. Ma nistax nghid ghal xiex qed jixtrih jiena. Ma nistax nipponta subghaj lejh le. Sewwa u meta inti tbiegh jigifieri kif tbiegh? Bil-kaxxi, kwantitajiet kbar, kwantitajiet zghar? Bil-kaxxi. Dejjem jitlobni Sinjura. Jekk jghidli jrid kaxxa nbieghlu kaxxa. Fl-esperjenza tieghek, li xtara minghandek is-Sur Sciortino sewwa, ghax inti li xtara minghandek tista' titkellem. Però meta mill-esperjenza tieghek meta tqabbilha ma' min irid ibiegh jerga' ibiegh, hija kwantità zghira jew kwantità kbira? Zghira. ... Inti qatt rajt lil Joseph Sciortino jixtri minghand certu wiehed Ganni Bonavia? Dakinhar ta' dawk ix-xerrejja li bdew igergru, dakinhar Sciortino kien qieghed fejn Ganni Bonavia. Kien qed jixtri minghandu? X'kien qed jaghmel? Nerga' nghidlek Dottoressa ma rajtux jixtri jiena. Tara lil kulhadd jixtri u lilu ma tarahx? Jiena jkolli hafna nies mdawrin mieghi ghax ahna jkollha ir-rush hour. In-nies li jkollna mdawrin maghna jigifieri qajmu polemika u jien ghedtilhom aqtawha. Qajmu polemika ghalfejn qajmu polemika? X'hin kien ghaddej is-Sur Zarb. Ghalfejn qajmu polemika? Minhabba li qalulu isma' qed tarahom il-bdiewa*

*jixtru minghand il-pitkala. Jiena x'hin ghamilt hekk b'wicci rajtu mill-boghod. Ix-xerrejja ghal min kienu qed jghidu x'hin qalu ara x-xerrejja qed jixtru, ghal liema xerrejja kienu qed jghidu? Ix-xerrejja kienu qeghdin jgergru minhabba l-bdiewa ghax raw lil Sciortino ghand Bonavia.* (Dr. Abigail Caruana) *Ezatt bdew igergru ghax rawh jixtri minghand Bonavia.* (Xhud) *Però jiena ma nistax nghid Sciortino x'kien qed jaghmel ghand Bonavia. Imma x-xerrejja bdew igergru ghax Sciortino kien qed jixtri mill-Pitkalija. Kien qed jaghmel bhall-hawkers jigifieri ghax suppost ma tixtrix minn hemm? Hekk riedu jghidu huma. Imma jiena nerga' nghidlek jiena, huma ma nafx jekk m'ghandhomx provi dawn min huma. Jiena ma nistax nghid jekk jiena rajt lil Sciortino ghand Bonavia ma nistax nghid dak kien qed jixtri. Imma x-xerrejja rawh u rrapportawh u Zarb ha l-passi imbaghad? Mhux hekk nahseb.*

Fir-rigward ta' dan l-ahhar skambju ta' domanda u risposta huwa evidenti li d-Direttur qed jipprova jigbed il-konkluzzjoni li ghalkemm Raphael Scerri jghid ma rax lir-Rikorrent jixtri minghand Ganni Bonavia, il-fatt li kkonferma li ix-xerrejja l-ohra gergru dwar ir-Rikorrent ghaliex skonthom kien qed jixtri minghand Bonavia, necessarjament ifisser li r-Rikorrent kien effettivament qed jixtri prodott minghand dan Ganni Bonavia u li per di più dan il-prodott kien intiz biex jerga' jinbiegh fis-Swieq tal-Bdiewa. It-Tribunal però bl-iktar mod assolut ma jaqbilx ma' din il-logika tad-Direttur Generali ghaliex din hija bbazata esklussivament fuq inferenzi minn xhieda ta' persuna li fl-ahhar mill-ahhar qed jichad il-verzjoni tal-fatti kif pretiza mid-Direttur Generali u mhux fuq prova konkreta li harget direttament minghand dawk ix-xerrejja li jidher li gergru fil-konfront tar-Rikorrent.

It-Tribunal jirribadixxi li assolutament ma jistax jifhem ghalfejn dawn ix-xhieda kollha li setghu facilment jikkoroboraw il-verzjoni tal-fatti ta' Anthony Zarb u b'hekk jaghtu d-debitu kreditu lid-decizjoni kontestata ma gewx prodotti bhala xhieda u minflok id-Direttur Generali ghazel li jistrih principalment fuq ir-rapport u konsegwenti xhieda ta' Anthony Zarb, li fl-ahhar mill-ahhar tifforma wkoll il-bazi

tax-xhieda moghtija minn Christopher Ciantar u Francis Farrugia. Fil-fehma tat-Tribunal id-Direttur Generali ma huwiex ghal kollox korrett meta fin-Nota Responsiva tieghu jikkontendi li l-oneru tal-prova jinkombi esklussivament u unikament fuq ir-Rikorrent. Nonostante l-oneru tal-prova li indubbjament jinkombi fuq ir-Rikorrent, ma hemmx dubju li d-Direttur Generali ghandu jipprova b'mod adegwat u sodisfacenti li d-decizjoni tieghu fil-konfront tar-Rikorrent hija wahda fondata in kwantu bbazata fuq fatti konkreti u xejn iktar, prova li però fil-fehma tat-Tribunal u ghar-ragunijiet moghtija iktar 'l fuq ma tirrizultax. Fid-dawl tan-nuqqas ta' din il-prova, li t-Tribunal iqisha centrali ghall-finijiet tal-validità tad-decizjoni kontestata, ma jistax jitqies li dik l-istess decizjoni kienet fi kwalunkwe kaz u tutto sommato valida u gustifikata, kif donnu invece jippretendi d-Direttur Generali.

Apparte dan kollu appena osservat, fil-fehma tat-Tribunal mill-provi prodotti jirrizulta fattur iehor li serjament jimpingi fuq il-validità tad-decizjoni kontestata u cioè il-fatt li d-Direttur Generali naqas milli jinvestiga l-kaz in ezami bil-mod opportun u minflok strah biss fuq dak li qallu Anthony Zarb, anke jekk fl-ahhar mill-ahhar id-decizjoni tieghu kienet tonvolvi s-sanzjoni ferm serja ta' l-irtirar tal-permess tar-Rikorrent li jbiegh fis-Swieq tal-Bdiewa.

Flok ma investiga l-kaz rappurtat lilu d-Direttur Generali llimita ruhu li jiehu r-rapport verbali li sarlu minn Anthony Zarb bhala prova konkreta u konklussiva tal-htija tar-Rikorrent u b'hekk sommarjament ghadda biex jirtira l-permess tar-Rikorrent ghal perijodu indefinit. Dana johrog ferm car mix-xhieda li d-Direttur Generali Dr. Mario Spiteri ta waqt is-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2012 fejn qal: *irraporta Toni Zarb li huwa l-manager, u mhux lilu biss. Irrapporta numru ta’ nies li dan gie qalli li hemm numru li qed jixtru x-xoghol mill-pitkali u ovvjament konna fl-obbligu li ninfurmawhom li ma jaghmlux hekk izjed u baghtnilhom qisha letter of warning. Nahseb kien hemm tmienja imma bl-amment ma niftakarx imma hemm numru ta’ nies, mhux Sciortino biss kien hemm. Imbaghad ghadda, kien hemm perijdou ta’ zmien fejn is-Sur Sciortino gie rrappurtat minn*

*Toni Zarb li rega' rah mill-gdid jerga' jaghmilha, imbaghad ovvjament. Dan mid-dehra fl-20 ta' Marzu, is-Sur Sciortino rega' inqabad jikser ir-regolamenti tal-farmers market. ... ma ghamilx rapport bil-miktub, kien qalli fl-20, ha nghidu hekk lili ma tanix rapport bil-miktub, jista' jkun kitbu lill-Perm. Sec. però lili qalli dak irid jerga' jaghmilha, qalli li wara li avzajnih bil-letter of warning u kien tani hin u data li fl-20 ta' Marzu inqabad. Xi hin filghodu ghandi jkun, f'xi hin mar il-farmers' market ma niftakarx, però fir-rapport li kien ghamel lill-Perm. Sec. lil Doctor Ciantar kien aktar dettaljat. Lili la gie ovvjament wara li kellu l-letter of warning, rega' ghamilha, imbaghad hrignilu ittra ohra. Semma li ccekja xi prodotti inxtraw li kienu jidhru li mhux ghall-konsum tieghu, sa' hemmhekk biss niftakar li ghamel. Bazikament irrapporta li rega' notwithstanding li diga kellu letter of warning, rega' qabdu bil-prodotti. Irrid naqla' l-file biex nara x'kienu l-affarijiet, hemm affarijiet li kien semma li rawh hiereg mill-pitkali u kellu l-affarijiet tal-pitkali u l-istess affarijiet rega' sabhomlu fil-farmers' market*. *... fil-van kellu x-xoghol u kien qieghed quddiem il-pitkali meta rah l-ewwel darba imbaghad qal li ffollowjah. Anke ritratti issa jiena billi gej jurini r-ritratti bil-mobile, ma rajtx xi haga fil-mobile tas-Sur Zarb u noqghod niskrolja r-ritratti.*

Tant id-Direttur Generali ma investigax il-kaz ta' l-20 ta' Marzu 2012 li jghid illi r-Rikorrent instab jerga' jbiegh il-prodott akkwistat mill-Pitkalija mill-posta allokata lilu fis-Swieq tal-Bdiewa, fatt dan li però bl-iktar mod assolut ma rrizultax mill-provi prodotti. Mix-xhieda ta' Anthony Zarb jirrizulta li l-konfrontazzjoni bejnu u r-Rikorrent intemmet quddiem l-Ambaxxata Amerikana u meta r-Rikorrent telaq minn fuq il-post Zarb mar wara Anthony Attard u mhux ir-Rikorrent u jerga' f'hin minnhom gibed lejn il-Pitkalija u lanqas baqa' sejjer wara Attard it-triq kollha. In effetti in kontro-ezami Anthony Zarb gaphall-mistoqsija *issa intom x'hin telaq dan* (ir-Rikorrent) *ma segwejtuhx biex taraw fejn hu sejjer? Kienx sejjer f'dan il-post li semma', kienx sejjer id-dar?* irrisponda *le, le ma segwejtux, jien m'inix pulizija imbaghad, m'ghandix dritt* u dwar il-prodott in kwistjoni fuq domanda *meta mort* (fil-Farmers' Market) *qatt ma sibt prodotti li mhux tieghu?* Zarb irrisponda *imma*

*kif ha naghrafhom jien jekk ma naqbdux fil-fatt qed jixtri. Dawk ma jkollhomx xi sticker maghhom, allura jien kif se naghrfu*[51].

Fl-affidavit tieghu d-Direttur Generali jghid illi *meta gara dan il-kaz, bhala direttur generali jiena kont responsabbli mill-pitkalija, biccerija, pixkerija, it-torri ta' San Lucjan, l-Ghammieri, id-Dipartiment tal-Parks u d-Dipartiment ta' l-Animal Welfare. Issa peress li jien ghandi hafna nies u direttorati tahti, ghandi tim ta' nies, managers u diretturi li jirrappurtaw lili direttament fuq il-kazijiet li jinqalghulhom. Fil-kaz odjern, il-manager li kien qed jiehu hsieb dan il-kaz kien Anthony Zarb u l-irwol tieghu bhala manager huwa li jkun f'kuntatt dirett mal-bejjiegha tal-Farmers' Market u ma' dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-pitkalija, kif ukoll ghandu l-obbligu li jara li r-regolamenti jigu osservati.* Il-fatt li d-Direttur Generali fiz-zmien in kwistjoni kellu diversi dipartimenti u direttorati taht ir-responsabilità tieghu b'dana li kellu jiddelega xi xoghol fuq in-nies tieghu, fosthom Anthony Zarb bhala manager responsabbli minn fost ohrajn is-Swieq tal-Bdiewa, ma jfissirx li l-istess Direttur Generali seta' jabdika mill-ezercizzju tad-doveri finali tieghu, kif evidentement ghamel fil-kaz in ezami, u ma jevalwax kull kaz li jingieb a konjizzjoni tieghu bil-mod opportun u b'mod gust izda semplicement jistrih fuq dak rapportat verbalment lilu.

Il-fatt li d-decizjoni fil-konfront tar-Rikorrent ma ttehdietx b'mod validu, gust u korrett jirrizulta wkoll mill-kontro-ezami tad-Direttur Generali[52] u mill-kontro-ezami ta' Christopher Ciantar[53] fejn it-tnejn iddikjaraw li d-decizjoni kontestata ttiehedet a bazi ta' decizjonijiet simili li ttiehdu fil-konfront ta' haddiehor li skonthom ukoll inqabad jbiegh mis-Swieq tal-Bdiewa prodott akkwistat mill-Pitkalija. Ad ezempju d-Direttur Generali jghid li *kellna kaz iehor bhal dan li gralu l-istess. Kien certu persuna li ma nafx nistax insemmi ismu. Dan inqabad ibiegh patata impurtata minn barra u beda jghid li hija lokali minn tieghu u ghadu sa' llum sospiz. Din il-persuna inqabdet f'Ottubru tat-2010. ...*

51 Affidavit ta' Anthony Zarb a fol. 199 sa' 204 tal-process.
52 Seduta tat-18 ta' Ottubru 2012, fol. 169 sa' 178 tal-process.
53 Seduta tat-8 ta' April 2013, fol. 355 sa' 366 tal-process.

*jien imxejt fuq kaz precedenti li kien hemm dak li semmejtilkom tal-patata u li rajt x'kien gara, illi dan kien sospiz, sorry kien revokat il-permess tieghu mhux semplicement qalulu ghal xahar tigix hawn allura kien hemm diga kaz fuq xiex nimxi* u Christopher Ciantar in risposta ghall-mistqosija *u inti meta hadtha* (id-decizjoni tieghu *qua* Segretarju Permanenti li jipprocedu fil-konfront tar-Rikorrent) *a bazi ta' xiex barra r-rapport tas-Sur Zarb*? jghid *a bazi ta' zewg kazijiet, tlieta ohra li kellna fejn nies konna irtirajnilhom il-licenzja ghaliex inqabdu jaghmlu l-istess xoghol*.

Minn dan kollu appena osservat johrog car li l-kaz in kwistjoni ma giex investigat bil-mod opportun u fuq il-merti tieghu u dana kjarament in vjolazzjoni tal-Kodici ta' l-Etika li jinsab fl-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar l-Amminsitrazzjoni Pubblika, Kap.497 tal-Ligijiet ta' Malta, li a tenur ta' l-Artikolu 5 ta' l-imsemmi Att ghandu jigi segwit minn kull impjegat pubbliku, inkluzi ghalhekk ufficjali pubblici – li certament id-Direttur Generali jaqa' taht tali kariga. Ai termini ta' l-Artikolu E 21 u 22 tal-Kodici ta' l-Etika *suggetti u kazijiet li jkunu qeghdin jigu kkunsidrati minn impjegati pubblici ghandhom jigu trattati b'konsistenza, malajr u bil-fier. Dan ifisser li kull suggett u kull kaz ghandu jigi trattat skont il-proceduri approvati, minghajr ma ssir diskriminazzjoni fuq xi bazi. Hemm obbligu li kull materja tkun trattata ragonevolment bl-iskop li jintlahqu l-principji tal-gustizzja naturali. <u>Meta juzaw poteri diskrezzjonali, impjegati pubblici ghandhom jaccertaw ruhhom li jkunu kkunsidraw il-fatti kollha rilevanti u l-meriti partikolari ta' kul kaz.</u>*[54] Fil-fehma tat-Tribunal decizjoni li kjarament tkun ittiehdet in vjolazzjoni ta' dan il-principju ma tistax tigi assekondata u kkonfermata Minnu.

Mix-xhieda tad-Direttur Generali jirrizulta fattur iehor li serjament jimpingi fuq il-validità tad-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tar-Rikorrent u cioè li wara li d-Direttur ircieva r-rapport verbali ta' Anthony Zarb huwa ma baghatx ghar-Rikorrent biex jaghtih l-opportunità jiddefendi ruhu kontra l-akkuza li kienet qed tigi avvanzata kontra tieghu izda

[54] Sottolinear tat-Tribunal.

ghadda direttament biex applika r-Regolament 20 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 117.31 u impona l-iktar sanzjoni iebsa hemm kontemplata u cioè l-irtirar tal-permess li jbiegh fis-Swieq tal-Bdiewa ghal perijodu indefinit. Id-Direttur Generali ltaqa' mar-Rikorrent, u dan fuq talba specifika tar-Rikorrent, biss wara li r-Rikorrent gie infurmat li il-permess tieghu biex ibiegh mis-Swieq tal-Bdiewa gie irtirat ghal perijodu indefinite. Dan l-agir tad-Direttur Generali wkoll jmur ghal kollox kontra l-Kodici ta' l-Etika li jinsab fl-Ewwel Skeda tal-Kap.497 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *hemm obbligu li kull materja tkun trattata ragonevolment bl-iskop li jintlahqu l-principji tal-gustizzja naturali*[55], fejn wiehed mill-principji huwa appuntu dak ta' *audi alteram partem*.

Huwa principju assodat fid-Dritt Amministrattiv li *in its broadest sense natural justice may mean simply "the natural sense of what is right and wrong" and even in its technical sense it is now often equated with "fairness". But in administrative law natural justice is a well-defined concept which comprises two fundamental rules of fair procedure: that a man may not be a judge in his own cause and that a man's defence must always be fairly heard. In courts of law and in statutory tribunals it can be taken for granted that these rules must be observed. But so universal are they, so "natural", that they are not confined to judicial power. They apply equally to administrative power and sometimes also to powers created by contract. Natural justice is one of the most active departments of administrative law. There are both broad and narrow aspects to consider. The narrow aspect is that the rules of natural justice are merely a branch of the principle of ultra vires. Violation of natural justice is then to be classified as one of the varieties of wrong procedure, or abuse of power, which transgress the implied conditions which Parliament is presumed to have intended. Just as a power to act "as he thinks fit" does not allow a public authority to act unreasonably or in bad faith, so it does not allow disregard of the elementary doctrines of fair procedure. As Lord Sleborne once said: "There*

[55] Sottolinear tat-Tribunal.

*would be no decision within the meaning of the statute if there were anything of that sort done contrary to the essence of justice." Quoting these words, the Privy Council has said that "it has long been settled law" that a decision which offends against the principles of natural justice is outside the jurisdiction of the decision-making authority*[56]*. Likewise Lord Russell has said: "It is to be implied, unless the contrary appears, that Parliament does not authorise by the Act the exercise of powers in breach of the principles of natural justice, and that Parliament does by Act require, in the particular procedure, compliance with those principles." Thus violation of natural justice makes the decision void, as in any other case of ultra vires. ... the rules of natural justice thus operate as implied mandatory requirements, non-observance of which invalidates the exercise of the power*[57]*.*

Fir-rigward tal-principju ta' *audi alteram partem* huwa principju daqstant iehor assodat fid-Dritt Amministrattiv li *it is fundamental to fair procedure that both sides be heard: audi alteram partem, "hear the other side". This is the more far-reaching of the principles of natural justice, since it can embrace almost every question of fair procedure, or due process, and its implications can be worked out in great detail. It is also broad enough to include the rule against bias, since a fair hearing must be an unbiased hearing. ... The courts took their stand several centuries ago on the broad principle that bodies entrusted with legal power could not validly exercise it without first hearing the person who was going to suffer. This principle was applied very widely to administrative as well as judicial acts, and to the acts of individual ministers and officials as well as to the acts of collective bodies such as justices and committees. Even where an order or determination is unchallengable as regards its substance, the court can at least control the preliminary procedure so as to require fair consideration of both sides of the case*[58]*. Thus the law*

---

[56] Sottolinear tat-Tribunal.
[57] Administrative Law – H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 372 u 373. Sottolinear tat-Tribunal.
[58] Sottolinear tat-Tribunal.

*makes its contribution to good administration*[59]*. ... the right of a man to be given 'a fair opportunity of hearing what is alleged against him and of presenting his own case is so fundamental to any civilised legal system that is to be presumed that Parliament intended that a failure to observe it should render null and void any decision reached in breach of this requirement*[60]*.*

Mill-principji appena citati, liema principji fil-fehma tat-Tribunal ghandhom japplikaw anke fis-sistema tad-Dritt Amministrattiv nostrali, johrog ferm car li ladarba d-Direttur Generali ma tax lir-Rikorrent l-opportunità li jiddefendi ruhu **qabel** ma ttiehdet id-decizjoni kontestata fil-konfront tieghu, ma jistax jitqies li dik id-decizjoni ttiehdet validament fil-konfront tar-Rikorrent.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal ma jqisx li d-decizjoni li d-Direttur Generali ha fil-konfront tar-Rikorrent, u komunikata lir-Rikorrent b'ittra datata 23 ta' Marzu 2012, tista' tigi Minnu ikkonfermata, anzi jirrizultaw ragunijiet validi u gravi bizzejjed li ghandhom iwasslu ghar-revoka u thassir ta' dik l-istess decizjoni.

Ir-Rikorrent jitlob ukoll illi t-Tribunal jordna lid-Direttur Generali biex b'mod immedjat jaghtih lura l-permess biex ibiegh mis-Swieq tal-Bdiewa. Fil-fehma tat-Tribunal però l-istess Tribunal ma huwiex fakoltizzat bil-Ligi biex jaghti tali ordni lid-Direttur Generali izda fermament jemmen li ladarba b'din is-sententenza d-decizjoni tad-Direttur Generali komunikata lir-Rikorrent b'ittra datata 23 ta' Marzu 2012, qed tigi mhassra u revokata, hija konsegwenza logika u naturali li r-Rikorrent jinghata lura l-permess biex jbiegh mis-Swieq tal-Bdiewa. Kwalunkwe agir differenti tad-Direttur Generali jkun effettivament jissotitwixxi mhux biss azzjoni ghal kollox arbitrarja w ulterjorment illegali izda addirittura agir li jkun razenti d-disprezz lejn l-Awtorità ta' dan it-Tribunal *qua* Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

[59] Administrative Law – H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 402.
[60] Administrative Law – H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 415.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi:

1. Fl-ewwel lok jordna li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri u kull fejn mehtieg fl-atti fis-sens illi jigu kkancellati l-kliem "Direttur Generali tad-Direttorat tas-Swieq bl-Ingrossa u Facilitajiet tal-Flotta tas-Sajd" b’dana li l-Intimati jibqghu biss “id-Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura u Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali”;
2. Jilqa’ l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, u filwaqt li jiddikjara li s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali ma huwiex il-legittimu kontradittur tar-Rikorrent, jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
3. Jichad l-eccezzjonijiet fil-mertu sollevati mid-Direttur Generali tad-Dipartiment ta’ l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura; u
4. Jilqa’ l-appell tar-Rikorrent limitatament ghall-ewwel talba u konsegwentement ihassar u jirrevoka d-decizjoni tad-Direttur Generali tad-Dipartiment ta’ l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura komunikata lir-Rikorrent b’ittra datata 23 ta’ Marzu 2012.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mid-Direttur Generali tad-Dipartiment ta’ l-Izvilupp Rurali u l-Akkwakultura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------